C/2023/610

3.11.2023

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2023/610)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) huma b'dan emendati kif ġej:

Fil-paġna 276,

il-paragrafu 3 tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-subintestatura 6404 11 00 jitħassar u huwa sostitwit bil-paragrafi li ġejjin:

"It-terminu 'żraben tat-tennis, żraben tal-basketball, żraben tal-ġimm, żraben tat-taħriġ u bħalhom' ta' dan is-subtitlu jkopri żraben li, minħabba l-forma, il-qatgħa, id-dehra u l-materjali tagħhom, juru li

(a) huma ddisinjati għal attività sportiva speċifika li ġeneralment tinkludi ġiri, movimenti tal-qbiż, tidwir malajr u waqfiet f'daqqa, jew

(b) għandhom disinn speċifiku li jippermetti li tiġi eżerċitata biss attività sportiva speċifika u dan id-disinn speċifiku mhux adattat sempliċiment għall-mixi (pereżempju, żraben għat-tixbit liberu mal-blat, papoċċi tal-ġimnastika jew taż-żfin flessibbli).

Eżempji tal-attivitajiet sportivi huma wkoll tbaħħir, squash, table tennis, volleyball. Madankollu, xedd is-saqajn li jintlibes prinċipalment jew esklussivament għal pereżempju l-użu tal-kenura fl-ilma baxx, il-mixi, it-trekking, il-hiking u l-alpiniżmu, huwa eskluż.

Il-pett tax-xedd tas-saqajn iddisinjat għall-ġiri, il-qbiż, it-tidwir malajr u l-waqfiet f'daqqa għandu jkollu karatteristiċi li jassorbu x-xokkijiet li jinħolqu bl-impatti ta' dawk il-movimenti. Karatteristiċi bħal dawn ikunu, pereżempju, kuxxinetti tal-arja jew tal-gass speċjalment fl-għarqub tax-xedd is-saqajn. Il-pett ta' barra jrid ikollu struttura speċifika li tappoġġa t-tidwir jew il-pett ikollu l-forma ta' pett tipiku tal-ġiri (li jkun aktar baxx fuq quddiem mill-parti tal-għarqub).

Barra minn hekk, il-parti ta' fuq tax-xedd tas-saqajn iddisinjata għall-ġiri, il-qbiż, it-tidwir malajr u l-waqfien f'daqqa trid tagħti l-istabbiltà u l-bilanċ lis-sieq waqt il-ġiri, il-qbiż, it-tiwdir malajr u l-waqfiet f'daqqa. Il-materjal tal-wiċċ, ir-rinforzi tiegħu, l-ikkuttunar u l-inforra jistgħu jiżguraw din l-istabbiltà u l-bilanċ, u jipproteġu s-sieq (pereżempju maskaretta rinfurzata li tipproteġi s-swaba' tas-saqajn)."

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.